**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Giuseppe Azzopardi**

**Kumpilazzjoni numru 182/2018**
**Illum, 21 ta' Dicembru 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **<u>Giuseppe Azzopardi</u>** detentur tal-karta tal-identita` numru 753355M billi huwa personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew ta' rapprezentant tal-kumpanija Bottega Del Marmista Ltd, fejn ġie akkuzat talli matul is-sena 2014 sas-sena 2015, f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera

haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Carmelo Galea mill-Imgarr, Malta.

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Carmelo Galea mill-Imgarr, Malta.

3. Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Carmelo Galea mill-Imgarr, Malta, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

4. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Ivan Vassallo mill-Belt Valletta.

5. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Ivan Vassallo mill-Belt Valletta.

6. Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Ivan Vassallo mill-Belt Valletta, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

7. U b' hekk int, Giuseppe Azzopardi, sirt recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fl-10 ta' Settembru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kif wkoll rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 147*) datata 13 ta' Novembru 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2019 (*a fol. 148)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-13 ta' Novembru 2019 u fl-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volotarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Carmelo Galea prezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2020 (Fol. 215 et seq) tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Giuseppe Azzopardi prezentata fit-tnejn (2) ta' Novembru 2020 (Fol. 221 et seq) tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2020 fejn il-kawza tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

- **Sintezi tal-Provi Miġbura**

**Chalie Galea** xehed[1] li huwa kien jaf lill-imputat peress li ġieli għamillu xi xogħol ta' rħam. Spjega li darba minnhom l-imputat avvicinah u offrielu biex ibegħlu bicca art fi Triq Dun Amblat u akkordaw fuq il-prezz ta' € 250,000 ghat-trasferiment. Ix-xhud gie muri wkoll pjanta tal-art u l-art ġiet identifikata bi precizjoni. Dan kien fis-sena 2014 – 2015. Kompla li hu flimkien mal-imputat marru quddiem in-Nutara Elaine Farrugia biex jibdew il-prattici necessarji għat-trasferiment.

Ix-xhud spjega li huwa kellu jieħu mingħad l-imputat bħala valur ta' xogħol li huwa kien għamillu l-ammont ta' sitta u tletin elf u ħames mitt ewro (€ 36,500) u allura sar ftehim li dan l-ammont kellu jinqata' mill-prezz ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€ 250,000). Kien anke sar dokument

[1] Fol. 32 et seq

bejniethom f'dan is-sens. F'kaz li l-bejgħ ma jseħħx, allura din is-somma kellha titħallas lura lix-xhud.

Ix-xhud kompla jgħid wkoll li huwa ħallas lill-imputat fuq talba tal-istess imputat l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) għar-ricerki. Meta imbagħad ix-xhud beda jsaqsi meta kien serjjer isir il-kuntratt, l-imputat beda jgħidlu li kien għad baqa' li jinġabru xi karti. Apparti minn dan il-pagament, ix-xhud għamel wkoll pagament ulterjuri ta' tnax. -il elf ewro (€ 12,000). Dan fl-okkazzjoni li ġie imġedded il-konvenju u dejjem fuq talba tal-istess imputat. Dawn il-flus kellhom jintuzaw biex ikomplu jsiru xi ricerki.

Ix-xhud spjega li l-art kienet ta' Francesco Fenech u li l-imputat kien qallu li din kienet waqgħet f'idejh. Kif kienet waqgħet f'idejh, l-imputat ma spjegalux. Sostna li dan ix-xogħol kellha tagħmlu n-Nutara. Meta marru għand in-Nutara, il-konvenju ma setax jiġi reġistrat u allura ma ingħatawx kopji tiegħu. Ix-xhud kompla jghid li l-art baqgħet qatt ma daret fuq ismu. L-imputat kien dejjem jgħidlu li għad baqa' xi karti xi jsiru u z-zmien kien dejjem għaddej. Kien għalhekk li l-imputat beda jinsisti li jitħallas lura l-flus. Kien f'dan il-punt li l-imputat għaddielu dikjarazzjoni iffirmata minnu fil-presenza tal-Avukat tal-imputat li huwa kellu jieħu mingħand l-imputat l-ammont ta' € 50,000 flimkien mal-interessi jekk l-art ma kinitx sejra tiġi trasferita lix-xhud. L-art baqghet qatt ma ġiet trasferita u l-flus lanqas qatt ma tħallsu lilu.

**L-Ispettur Elton Taliana** [2]xehed li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2017 huwa rcieva kwerela mibgħuta minn Dr Leonard Caruana għan-nom tal-klijent tiegħu Carmelo Galea. Fil-kwerela ġie spjegat li l-imputat kien offra li jbiegħ lil Galea bicca art għall-prezz ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€ 250,000). Kien tħallas depositu fuq l-art pero it-trasferiment baqa' ma sarx għax Azzopardi dejjem kien qiegħed jgħidlu li jonqsu xi affarijiet. Azzopardi kien wkoll dejjem qiegħed jitlob aktar flus biex jirranġa dawn l-affarijiet.

L-Ispettur kompla jistqarr li Galea kien għadda l-flus lill-imputat izda it-trasferiment baqa' ma sarx. B'kollox Galea ħallas lill-imputat l-ammont ta' disgħa u erbghin elf u seba' mitt ewro (€ 49,700), liema ammont kellu jitnaqqas mill-prezz finali tat-trasferiment. In-Nutara kellha tibda tagħmel ir-ricerki wara li tircievi l-informazzjoni mingħand l-imputat pero għal xi raġuni din ma setgħetx tibdihom.

L-Ispettur kompla li huwa kien ottjena mandat ta' arrest fil-konfront ta' Giuseppe Azzopardi u kien anke ħadlu stqarrija wara li tah id-drittijiet legali kollha. Fl-istqarrija tiegħu Azzopardi spjega li huwa kien avvicina lil Galea minħahha t-trasferiment tal-art u li kienu ġew mgħoddija lilu xi flus. Azzopardi stqarr mal-Ispettur li huwa kien qiegħed jagħmel xi arrangamenti mal-werrieta ta' Cikku Fenech li kien is-sid oriġinali tal-art, precizament Joe Tanti u Christine Farrugia. L-Ispettur kellem wkoll lil Tanti u lil Farrugia u dawn caħdu li kellhom xi tip ta' negozju mal-imputat

[2] Fol. 72 et seq

jew inkella li kienu sejrin jittrasferulu l-art li kienet ġiet indikata lilu mill-imputat waqt l-istqarrija tiegħu.

L-Ispettur kompla jgħid wkoll li sakemm kienet għadha għaddejja din l-investigazzjoni huwa rcieva kwerela oħra kontra l-imputat mingħand Dr Philip Manduca. Din id-darba għan-nom ta' Ivan Vassallo. Ingħad li Azzopardi kien se jbiegħ lil Vassallo xi pitturi u Vassallo kien għadda wkoll lil Azzopardi l-ammont ta' għaxart elef ewro (€ 10,000). Rigward il-kaz ta' Vassallo, l-Ispettur spjega li kien kellem lill-imputat. L-imputat kien qallu li kien se jħallas lura dan l-ammont. Pero dan l-ammont baqa' ma tħallasx.

**<u>In kontro-ezami</u>**, l-Ispettur ikkonferma li n-Nutara kienet qed tistenna l-informazzjoni mingħand Giuseppe Azzopardi biex tibda r-ricerki. Mistoqsi jekk huwa kienx konxju li kien hemm skritturi bejn il-mejjet Cikku Fenech u l-imputat, ix-xhud wieġeb li ma kienx hemm. Ix-xhud indika li fuq il-parti li ġie indikat li kien se jkun hemm negozju fuqha, l-imputat ma kellu l-ebda titlu fuqha.

B'riferenza ghall-kaz ta' Ivan Vassallo, l-Ispettur ikkonferma li Vassallo kien ta lill-imputat ghaxart elef ewro (€ 10,000 biex iġiblu pittura minn barra. Pero Azzopardi ma kien ġab l-ebda pitturi minn barra. L-imputat stqarr wkoll mal-Ispettur li l-imputat kien ta xi statwa lil Vasallo biex ibiegħhielu u din kien baqgħet għand Vassallo. Mistoqsi kemm tiswa din l-istatwa, l-Ispettur ma kienx jaf għaliex meta tkellem ma' Vassallo fuq din l-istatwa, huwa indikalu li din ma kellhiex x'taqsam mal-pittura. L-Ispettur ikkonferma wkoll li l-pittura partikolari li Azzopardi kellu jġib lil

Vassallo għall-prezz ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) baqgħet qatt ma waslet.

**<u>Joseph Tanti</u>**[3] xehed li l-għalqa tal-Bottega del Marmista kien wiritha hu flimkien ma' Christine Mifsud mingħand Frangisku Fenech. B'riferenza għall-art markata bl-ittra "X" a fol. 15 tal-process, ix-xhud indika li fuq din l-art qatt ma kien hemm ftehim biex tinbiegħ lill-imputat Giuseppe Azzopardi.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud l-ewwel stqarr li fuq din l-art ma kien hemm l-ebda kawzi l-Qorti pendenti. Izda imbagħad indika li kienu għaddejjin proceduri biex ikeccu lill-imputat mill-art għax ma kienx qiegħed iħallas il-kera. Dan peress li l-art kienet mikrija lill-imputat.

**<u>Christine Mifsud</u>** [4] xehdet li l-imputat kien qiegħed jikri art li hija tagħha u li ma kienx qed iħallas il-kera dovuta. Hija spjegat li qatt ma kien hemm ftehim biex tinbiegħ lilu xi art. Għalkemm kien talab biex jixtrieha huma qatt ma kienu interessati li jbiegħu lilu; anzi Cikku Fenech li kien ħallihielhom kien qalilhom biex ma jgħadduhiex lil Azzopardi. Ix-xhud indikat li fuq l-art immarkata bl-ittra "X" kien hemm kawza pendenti għaliex Azzopardi kien ilu ma jħallas l-kera sentejn.

**<u>In kontro-ezami</u>**, Mifsud spjegat li l-art kienet ilha fil-pussess tagħha ħames snin sa minn meta kien ġie nieqes Cikku Fenech. Spjegat li dejjem kellhom il-problemi biex jircievu l-kera, anke meta kien għadu ħaj Cikku

---

[3] Fol 86 et seq;
[4] Fol. 91 et seq

Fenech. Infatti Fenech kien anke għamel kawza l-Qorti u hija u Tanti bħala werrieta kienu komplew il-kawza huma.

Mistoqsija jekk kinitx marret tkellem lil Carmelo Galea, ix-xhud wieġbet li hija kienet iltaqgħet ma' Galea l-Qorti. Kienet pero semgħet xniegħat li l-imputat kien qed jipprova jbiegħ l-art tagħhom u li l-imputat kien qed isaqsi lin-nies jekk humiex interessati li jixtruha.

**<u>Ivan Vassallo</u>**[5] xehed li huwa negozjant tal-antikitajiet. Lill-imputat kien jafu għax f'okkazzjoni minnhom Vassallo kien biegħ xi affarijiet ta' Azzopardi fuq talba tal-istess Azzopardi. Spjega li darba minnhom l-imputat kien mar fejnu, wrieh xi ritratti ta' kwadri mill-Italja u saqsieh jekk kienx interessat li jixtruhom flimkien. Ix-xhud accetta li jixtrihom ma' Azzopardi u ftehmu li joħorġu għaxart elef ewro (€ 10,000) kull wieħed. L-imputat kien anke iffirma fuq ir-ritratti. Ix-xhud ħallsu sehmu fl-għaxra (10) ta' April 2015 u baqgħu li fi tmiem il-ġimgħa, Azzopardi kellu jsiefer biex jixtri dawn il-pitturi. Wara li għadda tmiem il-ġimgħa Vassallo għamel kuntatt ma' Azzopardi u dan assikurah li kien kollox sew u li kien xtara kollox. Qallu li issa riedu jistennew biex il-pitturi jaslu Malta. L-inkwadri baqgħu ma waslux u Azzopardi beda jġiblu kull skuza għaliex kienu għadhom ma waslux. Sa fl-aħħar u wara li kien għadda ħafna zmien Azzopardi ammetta miegħu li l-inkwadri ma kinux jezistu. Ix-xhud talbu lura l-flus. Min-naħa tiegħu Azzopardi qallu li kien qed jagħmel xi xogħol ta' statwi għal xi kunsilli lokali u li kif kien sejjer jitħallas mingħandhom kien sejjer iħallsu lura. Pero il-ħlas baqa' ma sarx, anke

[5] Fol. 98 et seq

wara li l-imputat kien lesta x-xogħol. Mistoqsi mill-Qorti jekk it-talba tiegħu kinitx għall-għaxart elef ewro (€ 10,000) ix-xhud wieġeb li kienet għal disat elef ewro (€ 9,000) peress li Azzopardi kien tah xi inkwadri oħra u kien biegħ wieħed minnhom u ġabar is-somma ta' elf ewro (€ 1,000).

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud caħad li meta l-imputat kien Milan huwa kien cempillu dwar l-inkwadri. Mistoqsi jekk kienx rcieva inkwadri mingħand l-imputat, ix-xhud wieġeb li l-imputat kien tah xi inkwadri biex jipprova jbiegħhom biex jipprova jitħallas. Ikkonferma wkoll li x-xhud kellu għandu statwa waħda.

**<u>In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami</u>**[6] tiegħu fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2020, Ivan Vassallo spjega li lill-imputat kien jafu għaliex kien imur il-ħanut tiegħu. Rigward l-inkwadri sostna li dawn kellhom jixtruhom bi sħab. Ikkonferma li l-imputat kien għaddielu xi pitturi u li għadhom fil-pussess tiegħu inkluz wkoll statwa taz-zwiemel. Rigward il-valur ta' dawn l-oġġetti, ix-xhud indika l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Rigward dak suġġerit lilu mid-difiza li huwa għandu statwa li tiswa ħamest elef ewro (€5,000) ix-xhud wieġeb li din l-istima kien għamilha l-imputat stess. Rigward inkwadri oħra li għandu fil-pussess tiegħu, ix-xhud insista li dawn l-inkwadri m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-inkwadri li kienu se jixtru. Insista li l-imputat kien dam sena u nofs jidħaq bih jgħidlu li l-inkwadri kienu ġejjin. Meta imbagħad l-inkwadri qallu li ma kinux se jaslu, tah xi ħaġa milli kellu d-dar biex ikollu xi ħaga f'idejh. Il-valur tal-oġġetti għamlu l-imputat stess. Ix-xhud kompla jgħid li l-inkwadri li huwa kien ġie muri qatt ma kienu għall-

[6] Fol. 203 et seq

bejgħ. B'riferenza għad-dokumenti li ġew indikati lilu bħala invoices, ix-xhud wieġeb li dawn ma kinux invoices izda stimi. Ix-xhud temm jgħid li ma kienx minnu li bi qbil huwa kien ġie mgħoddi inkwadri differenti minn dak li kienu ftehmu fuqhom.

**<u>In-Nutar Elaine Farrugia</u>** [7] xehdet li kienu marru għandha Charlie Galea u Joe Azzopardi biex jagħmlu konvenju fuq bicca art f'Ta' Qali magħrufa bħala "Il Bottega del Marmista". X'ħin kienu quddiemha, irrizulta li l-art kienet għadha ma inxtratx u għalhekk ma seta' jsir l-ebda konveju dak il-ħin. Quddiemha ma kien sar l-ebda ħlas. Pero kienu ipprezentawlha skrittura privata li kienu għamlu huma u infurmawha li riedu jagħmlu xi ħaga simili biex is-somma tkun f'ammont differenti. Ix-xhud ipprezentat kopja tal-iskrittura privata li kienet għall-ammont ta' ħamsin elf ewro (€ 50,000). Dan l-ammont kien self u kellu jservi bħala depositu fuq din il-bicca art. L-iskrittura kienet skadiet u kienet ġiet mġedda darbtejn. Ix-xhud ikkonfermat li la l-konvenju u lanqas il-kuntratt baqgħu ma saru. Dan għaliex ħadd ma kien għamel kuntatt magħha li l-art kienet inxtrat. Ix-xhud temmet tgħid li Galea kien taha ħames mitt ewro (€ 500) biex meta jkun jista' jsir il-konvenju hija tkun tista' tibda r-ricerki. Pero hija m'għamlet l-ebda tip ta' ricerki għaliex l-akkwist ma sarx.

**<u>In kontro-ezami</u>**[8] li inżamm fis-seduta tas-sebgha u għoxrin (27) ta' Lulju 2020 ix-xhud ikkonfermat l-iskrittura li kienet saret u li kienet ġiet mġedda u li dan kien self bejn Galea u Azzopardi. L-iskrittura kienet tkopri l-ammont li kien hemm bejniethom. Mistoqsija jekk kull pretensjoni ta'

---

[7] Fol. 126 et seq
[8] Fol. 207 et seq

Chalie Galea kinitx kompriza, ix-xhud wieġbet li hija ma kinitx taf. Hija qalet li kienu marru għandha biex isir konvenju. L-art ma kinitx mixtrija u allura l-konvenju ma setax isir. Kienu għalhekk infurmawha li d-depositu kellu jitqies self. Galea u Azzopardi wrewha karta u qalulha li riedu waħda bħalha. Hi kienet għamlet karta bħalha. Kienet skrittura privata fejn ġiet indikata s-somma ta' ħamsin elf ewro (€ 50,000) bħala self. Il-konvenju imbagħad kellu jsir meta tinxtara l-art. Din il-karta kienet ġiet mġedda darbtejn pero mhux fil-presenza tagħha.

**In ri-ezami**, in-Nutara spjegat li hija ma kinitx irrilaxxat kopji tal-iskrittura għaliex il-partijiet kienu tawha struzzjonijiet biex iżżomm kollox hi, anke għaliex il-konvenju kellu jsir fi żmien qasir. Dan għaliex l-art kellha tinxtara fi zmien qasir.

**Rebecca Micallef**[9] xehdet in rapprezentanza tal-APS Bank. Ix-xhud qalet li Carmel Galea kien ħareġ cekk fl-ammont ta' tnax -il elf ewro (€ 12,000) datat sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2014. Dan ic-cekk kien issarraf u l-flus kien inġabru fi flus kontanti.

**Dr Claude Sapiano**[10] xehed in rapprezentanza tar-Registratur tal-Artijiet. Huwa ġie mitlub jixhed fuq it-titolu 3900 4200 koncernanti art fi Triq Durumblat ta' Vnejza, il-Mosta. L-art hija reġistrata fuq isem Francesco Fenech u Christine Mifsud u l-applikazzjoni f'isimhom kienet daħlet fis-sena 2015. Qabel kienet fuq Francesco Fenech waħdu.

---

[9] Fol. 138
[10] Fol. 141 et seq

**In kontro-ezami** ix-xhud ġie mistoqsi jekk kienx hemm xi applikazzjoni biex l-art minn fuq Francesco Fenech u Christine Mifsud tigi reġistrata fuq isem persuna oħra. Ix-xhud wieġeb li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni pendenti.

**L-imputat Giuseppe Azzopardi**[11] xehed li lil Carmelo Galea kien ilu jafu ħamsa u għoxrin (25) sena fuq xogħol. Huwa kien beda jaħseb biex jirtira mix-xogħol u Galea kien wera x-xewqa li jieħu l-art. Azzopardi sostna li huwa dejjem kien għamilha cara ma' Galea li l-art ma kinitx tiegħu. Kompla jgħid li meta huwa kien talab t-tnax -il elf ewro (€ 12,000) lil Galea, dan għamlu biex ikun jista' japplika għall-elettriku three phase u biex jagħmel affarijiet oħra. Insista li Joe Tanti kien qallu kemm -il darba li hekk kif jinfetaħ il-wirt ta' Cikku Fenech, l-art kienet se tinbiegħ lilu. Meta imbagħad irrizulta li l-art ma setgħetx tinbiegħ, huwa kien għamel karta lil Galea li kien se jħallsu l-ammont ta' ħamsin elf ewro (€ 50,000) li minnhom kien hemm ammont ta' sittax -il elf lira Maltin (Lm 16,000) ħlas ta' xogħol li kien għadu dovut lil Galea.

Rigward Ivan Vassallo, l-imputat qal li huwa kien jaf u jinnegozja mal-membri tal-familja tiegħu. Eventwalment kien ħa over Ivan. Darba minnhom Ivan qallu li ried jixtri ftit kwadri minn barra u talab l-għajnuna tal-imputat. L-imputat kompla jispjega li huwa kien nizzel xi ritratti ta' inkwadri minn fuq l-internet u għadda kopja ta' dawn ir-ritratti lil Ivan Vassallo, bil-kundizzjoni pero li l-imputat kellu jivverifika jekk kinux kopji jew inkella kinux verament antiki. Eventwalment huwa mar Milan

---

[11] Fol. 151 et seq

u nizzel zewg inkwadri tal-Madonna. L-imputat ikkonferma li Vassallo kien għaddielu s-somma ta' għaxart elef ewro (€ 10,000). Pero huwa kien tah numru ta' kwadri li flimkien kienu jiswew bejn ħamsa u għoxrin elf (€ 25,000) u tletin elf ewro (€ 30,000) u li dawn kienu ilhom għand Vassallo mill-2016.

**In kontro-ezami** l-imputat spjega li l-art li kienet sejra tinxtara kienet maġenb il-Palazz u kienet qieghda għandu b'kera mingħand Cikku Fenech. Wara li kienet miet Cikku Fenech, huwa kien għamel arranġament ma' Galea biex jakkwista l-art u jbiegħhielu. Mistoqsi kif jispjega li huwa kien qed jagħmel l-arranġamenti biex jixtri l-art mingħand il-werrieta ta' Cikku Fenech meta dawn sostnew li qatt ma kienu għamlu xi ftehim miegħu, ix-xhud wieġeb li Joe Tanti kien jgħidlu li "jaħseb li jaslu." Sostna li lil Tanti kien offrielu mitejn u ħamsin elf ewro (€ 250,000). Mistoqsi wkoll meta kien sar dan il-ftehim, ix-xhud wieġeb li ma jafx.

Rigward l-inkwadri li kienu ġew murija lil Ivan Vassallo, ix-xhud ikkonferma li dawn ma kinux waslu għaliex Vassallo ma kienx ħallas. Sostna li l-flus li kien tah Vassallo intuza għad-depositu. Id-depositu ma kienx inġabar għaliex min biegħ l-inkwadri kien qiegħed jinsisti li jingħalaq il-bejgħ billi jitħallas l-kumplament.

**In kontro-ezami** mil-legali tal-parte civile Carmelo Galea, l-imputat caħad li kien hu li mar għand Galea biex ibiegħlu l-art. Mistoqsi meta kien għamel l-ewwel karta ma' Galea, ix-xhud ma ftakarx.

L-imputat kompla jgħid li huwa kien jitkellem anke ma' Christine Mifsud. Ma' Tanti qatt ma ikkonkluda xejn għalkemm kien jgħidlu "naslu naslu". Mistoqsi kif ħa depositu ta' sitta u tletin elf u ħames mitt ewro (€ 36,500) bħala depositu meta ma kienx hemm negozjati għaddejjin fuq l-akkwist tal-art, l-imputat wieġeb li l-ammont ta' sitta u tletin elf u ħames mitt ewro (€ 36,500) kien dovut lil Galea u magħhom zdiedet is-somma ta' tnax -il elf (€ 12,000) biex jagħmel il-miljoramenti fuq l-art. Rigward l-elf u mitejn ewro (€ 1,200) oħra li tħallsu minn Galea, l-imputat wieġeb li kien daħal dubju għaliex parti mill-artijiet kienu jappartjenu lill-Gvern u kienu b'cens għandu Cikku Fenech u kien għamel ir-ricerki dwar dan. Ir-ricerki kienu sar min-Nutar. B'riferenza għall-kuntratt li ġie esebit u c-certifikat ta' titolu, l-imputat ġie mistoqsi jekk kienx ra dawn id-dokumenti. Huwa wieġeb li qatt ma kien rahom. Mistoqsi jekk kienx hu stess li għadda dawn id-dokumenti lil Galea biex jurih li huwa kien qiegħed jinnegozja fuq din l-art, l-imputat wieġeb li d-dokumenti ma kinux jghajtu lilu u li d-dokumenti kien tahomlu n-Nutar u kien għaddihom lil Galea. Ma ftakarx pero meta kien għaddihom.

**<u>In ri-ezami</u>**, l-imputat xehed li meta irrizulta li l-art ma tistax iddur hu kien sejjer jirritorna kollox lil Galea. Ikkonferma li l-flus għadu ma tħallsux lil Galea; pero eventwalment sejrin jitħallsu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tax-xhieda u d-dokumenti li gew prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti:

(a) L-imputat informa lil Carmelo Galea li kien qiegħed fil-process li jixtri l-art li huwa kien jikri mingħand Francesco Fenech. Saqsieh jekk kienx interessat li jixtrieha u t-tnejn akkordaw fuq l-ammont ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€ 250,000) għat-trasferiment tal-art. Galea kellu jiġbor xi flus mingħand l-imputat u allura sar qbil li dan l-ammont kellu jmur bħala depositu għall-akkwist tal-art. Apparti minn hekk l-imputat talab lil Galea sabiex iħallsu l-ammonti ulterjuri ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) u tnax -il elf ewro (€ 12,000) dejjem in konnessjoni ma' dan l-akkwist tal-art. Iz-zmien beda għaddej u Galea kien regolarment isaqsi meta kien sejjer isir it-trasferiment. L-imputat kien dejjem jgħidlu li baqa' xi karti x'jiġu iffirmati. Meta t-trasferiment baqa' ma sarx, Galea insista li jiġbor flusu lura. Kienet anke saret karta għand l-Avukat fejn l-imputat obbliga ruħu li jħallas lil Galea l-ammont ta' ħamsin elf ewro (€ 50,000). Pero l-ammont baqa' qatt ma tħallas lura.

(b) Rigward Ivan Vassallo, kien hemm arranġament bejn Vassallo u l-imputat sabiex flimkien jixtru xi kwadri mill-Italja. Vassallo ħallas is-somma ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) lil Azzopardi għall-akkwist ta' dawn l-inkwadri. L-imputat dam jittama lil Vassallo li l-inkwadri kienu sejrin jaslu għal sena u nofs sħaħ. Meta imbagħad l-imputat infurmah li dawn l-inkwadri ma kinux ġejjin, l-imputat kien ta xi oġġetti oħra lil Vassallo. Għalkemm l-imputat isostni li l-oġġetti fil-pussess ta' Vassallo kellhom valur ta' aktar minn għaxart elef ewro (€ 10,000), Vassallo jikkontesta dan.

Ikkunsidrat:

- **<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Natura Legali</u>**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-

ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

F'dan il-kaz wkoll il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti. Dan pero ma jfissirx li allura l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li

jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[12]

[12] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li ġew identifikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju u jekk dawn effettivament jirrizultawx mill-provi prodotti.

- **<u>L-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali (It-Tielet u s-Sitt Imputazzjoni)</u>**

Jibda biex jingħad li t-tielet u s-sitt imputazzjoni qegħdin it-tnejn li huma jirreferu għall-istess artikoli tal-ligi. Fiz-zewg imputazzjonijiet pero il-vittmi huma differenti.

L-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi li: *"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

L-artikolu 294 imbagħad jkompli jgħid li *"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa exofficio,u l-piena tkun ta' priġunerijaminn seba' xhur sa sentejn."*

L-elementi essenzjali tar-reat tal-approprjazzjoni indebita ġew identifikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. Il-Qorti spjegat li:

*"Dana ir-reat isehh meta wiehed:*

*(1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd;*
*(2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;*
*(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Huwa car għalhekk li l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Francesco Antolisei jgħallem li: *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"*[13]

[13] Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Ta' rilevanza hija wkoll decizjoni oħra tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti irrimarkat li:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Għar-rigward l-element intenzjoni, issir riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti ikkwotat lill-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan ir-reat:

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per*

*un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*[14]

Fir-rigward ta' Carmelo Galea, irrizulta bl-aktar mod car – u dan ma giex kontestat mill-imputat – li Galea kien ħallas lill-imputat l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) u tnax -il elf ewro (€12,000). Galea kien car fid-

---

[14] Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106.

deposizzjoni tiegħu u jgħid li dawn il-flus kienu intalbu lilu sabiex isiru r-ricerki fuq l-art. Min-naha l-oħra l-imputat jisħaq li dawn ingħataw lilu minħabba spejjez, precizament biex tithallas xi multa minħabba vjolazzjonijiet tal-ippjanar u sabiex jinbidel il-meter tad-dawl għal wieħed three-phase. Din il-Qorti għalhekk trid tezamina jekk in vista ta' dawn il-verzjonijiet konflingenti, tistax tasal biex issib ħtija jew le, jew inkella għandhiex taqa' fuq l-iskappatojja tad-dubju.

Din il-Qorti kellha l-opportunita li tifli metikolozament ix-xhieda li ingħatat f'dawn il-proceduri u li tifli **attentament** il-mod ta' kif id-diversi xhieda ġabu ruħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Tenut kont dan kollu, din il-Qorti temmen li l-verzjoni tal-imputat difficilment titwemmen. Dan għaliex fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija u anke fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti kien hemm diversi istanzi fejn huwa assolutament ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu:

(a) Fl-istqarrija lill-Pulizija huwa jgħid li huwa rcieva l-ammont ta' tnax -il elf mingħand Galea biex iħallas multa għax kien bena ufficju bla permess u sabiex jibdel il-meter tad-dawl u jagħmlu three phase.[15] Fix-xhieda tiegħu imbagħad, l-imputat ma jsemmi xejn dwar il-multa tal-ippjanar u jgħid li t-tnax -il elf (€ 12,000) kienu intizi sabiex jagħmel ameljoramenti fil-post.[16] Dan apparti l-fatt li din il-Qorti taraha stramba kif l-imputat kellu bzonn dawn il-flus biex jaghmel l-ameljoramenti fil-propjeta meta fl-istess nifs huwa kien qiegħed jitħabat biex ibiegħ il-propjeta!

---

[15] Fol.12
[16] Fol. 152

(b) L-imputat sostna li kien qiegħed jinnegozja ma' Tanti u Mifsud biex jixtri l-art. Dawn iz-zewg persuni li wkoll xehdu f'dawn il-proceduri assolutament ma ikkorraborawx il-verzjoni mogħtija mill-imputat. Anzi it-tnejn li huma pero **<u>jiċħdu bl-aktar mod kategoriku</u>** li qatt kien hemm xi trattattivi f'dan is-sens. Anzi Christine Mifsud tmur oltre u tixhed li Cikku Fenech (li tiegħu hija l-werrieta) kien għamilhielha cara biex mal-imputat ma jinnegozzjawx;

(c) Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li qatt ma tkellem fuq prezz ma' Tanti u Christine.[17] Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, il-verzjoni tinbidel u l-imputat isostni li lil Tanti kien offrielu l-ammont ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€ 250,000)[18] u ma' Mifsud qatt ma tkellem fuq prezzijiet;

(d) Fl-istqarrija tieghu l-imputat jgħid li huwa kien ikellem lil Tanti u lil Mifsud rigward l-akkwist tal-art. Imbagħad f'punt minnhom tax-xhieda tiegħu l-imputat jistqarr li huwa kien qed jinnegozzja biss ma' Tanti u imbagħad jerġa' jgħid li kien qed jinnegozja ma' Tanti u ma' Mifsud. Lanqas fuq dan il-fatt daqshekk semplici l-imputat ma kien konsistenti!

(e) Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jistqarr li huwa kien ta arloġġ Longines lil Carmelo Galea meta kienu fl-ufficju tan-Nutara mentri imbagħad fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti xehed li l-arloġġ kien

[17] Fol. 13;
[18] Fol. 158;

ingħadda fuq l-ajruplan x'ħin l-imputat u Galea kienu ġejjin minn Napli;[19]

(f) B'riferenza għad-dokumenti esebiti a fol. 44 – 50, meta mistoqsi jekk dawn id-dokumenti kienx rahom, l-ewwel iwieġeb li dawn d-dokumenti ma fihomx il-firma tiegħu, imbagħad jgħid li dawn id-dokumenti qatt ma rahom u ftit istanti wara jgħid li dawn id-dokumenti kien ħadhom huwa stess lil Carmelo Galea izda ma kellux cans jarahom;[20]

Ma tezisti l-ebda raġuni li b'xi mod tista' tiġġustifika dawn l-inkonsistenzi kollha tal-imputat u għalhekk assolutament din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq il-verzjoni tal-imputat u tottjeni xi forma ta' komfort minnha.

Għalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li l-verzjoni ta' Carmelo Galea li l-flus kienu intalbu lilu mill-imputat sabiex isiru r-ricerki hija waħda kredibbli u attendibbli. Infatti anke l-ircevuta ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) li saret minn Azzopardi qieghda tirreferi għar-ricerki.[21] Din l-ircevuta qatt ma ġiet kontestata mill-imputat. Galea stess jixhed li kien qed izomm kuntatt ma' Azzopardi biex jara ezattament fiex kienu waslu dawn ir-ricerki u x'kien jonqos biex isir il-kuntratt finali tat-trasferiment. Azzopardi kien dejjem jgħidlu li kienu jonqsu xi affarijiet oħra xi jsiru u li l-affarijiet kienu mexjin.

[19] Fol. 161;
[20] Fol. 164 – 165
[21] Fol. 43

Irrizulta wkoll mill-provi li effettivament ricerki qatt ma kienu ġew ordnati. Infatti n-Nutara Elaine Farrugia tikkonferma li hija **qatt** ma ingħatat informazzjoni biex hija tkun tista' tibda r-ricerki.[22] Dan ifisser għalhekk li l-flus li kienu gew mogħtija mill-parte civile Galea lill-imputat qatt ma ġew utilizzati għar-ricerki u lanqas qatt spiccaw għand in-Nutara Farrugia. Infatti l-uniku ammont li ġabret in-Nutara ghar-ricerki kien l-ammont ta' ħamess mitt ewro (€ 500) li tħallas lilha direttament mill-parte civile Carmelo Galea u mhux mill-imputat. Dan għalhekk ma jħalli l-ebda lok għal dubju li l-flus li ġew mogħtija mill-parte civile lill-imputat ġew appropjati mill-imputat a beneficcju tiegħu stess. Il-fatt li l-imputat – kif jammetti huwa stess – kien ilu bl-assi iffrizati xi sentejn u nofs aktar jkompli jsaħħaħ il-fatt li huwa uza dawn il-flus a beneficcju tiegħu stess.

Fir-rigward ta' Ivan Vassallo, lanqas m'hu kontestat li effettivament Vassallo ħallas lill-imputat l-ammont ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) sabiex jkunu jistgħu jinġabu inkwadri minn barra, liema inkwadri kienu ġew murija lilu mill-imputat u liema inkwadri kellhom jinxtraw bi sħab bejniethom. Kif xehed wkoll l-istess Ivan Vassallo u ikkonferma wkoll l-imputat l–inkwadri baqgħu qatt ma waslu. Din il-Qorti lanqas m'għandha esitazzjoni biex temmen il-verzjoni ta' Vassallo. Dan għaliex bħal fil-kaz ta' Galea, l-imputat assolutament ma kienx konsistenti fil-mod ta' kif seħħew l-affarijiet. F'nifs wieħed fix-xhieda tiegħu l-imputat jgħid li l-inkwadri li sab barra minn Malta kienu kopji u li lil Vassallo kien se jgiblu erba' inkwadri moderni.[23] In kontro-ezami imbaghad l-imputat jallega li l-inkwadri qatt ma waslu għaliex Vassallo irrifjuta li jħallas il-

[22] Fol. 127
[23] Fol. 154

kumplament tal-flus! [24] Dwar din l-allegazzjoni pero l-imputat baqa' qatt ma ipprezenta xi prova f'dan ir-rigward. Wieħed għalhekk jistaqsi: jekk verament kien hemm dan in-nuqqas da parti ta' Vassallo, l-imputat ma kellux għalfejn iwiegħed lill-Ispettur Taliana li kien sejjer jirritorna l-flus lill-Vassallo. L-imputat lanqas ma kien ikollu għalfejn jgħaddi xi affarijiet lil Vassallo biex jagħmel tajjeb għal dawn il-flus li l-imputat kien tħallas mill-istess Vassallo.

Min-naħa l-oħra Vassallo kien dejjem konsistenti fix-xhieda tiegħu u din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda kontradizzjoni li tista' b'xi mod titfa' imqar l-icken dubju dwar kif verament seħħew l-affarijiet bejn Vassallo u l-imputat. Għalhekk huwa car li fil-kaz ta' Vassallo wkoll, il-flus li kienu ġew imħallsa minn Vassallo kienu ġew wkoll approprjati mill-imputat a beneficcju tiegħu. Il-fatt li l-imputat seta' għadda xi oġġetti lil Vassallo biex jagħmel tajjeb għall-ammont li kien ġie imħallas lilu – għalkemm mill-atti ma rrizultax il-valur tal-oġġetti li ġew mgħoddija – bl-ebda mod ma jelimina r-responsabbilita kriminali għall-akkadut. Li kieku tressqu provi adegwati dwar valuri, dan il-punt seta' se mai jkollu impatt fuq il-quantum tal-piena.

Il-kwalifiki kontemplati fl-artikolu 294 li jirrendu r-reat ta' approprjazzjoni indebita aktar serju ma irrizultawx. Għalhekk sejra biss tinstab ħtija taħt l-artikolu 293 u dan fir-rigward kemm ta' Carmelo Galea u anke ta' Ivan Vassallo.[25]

---

[24] Fol. 159

[25] Mill-atti jirrizulta li t-tnejn li huma kien għamlu kwereli sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat.

- **<u>L-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali (L-Ewwel, It-Tieni, Ir-Raba' u l-Ħames Imputazzjoni)</u>**

L-Artikolu 308 jistabilixxi li: *"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin."* Ir-reat kontemplat taħt dan l-artikolu huwa komunement magħruf bħala truffa.

L-artikolu 309 imbagħad jitkellem fuq il-frodi nnominata. Infatti dan l-artikolu jattribwixxi sanzjoni penali lil *"kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 1999 ġie ritenut li sabiex *"ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent.*[26] *Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-*

[26] Ara wkoll Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20 ta' Gunju 1997; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25 ta' Marzu 1994.

*agent*[27]*. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)*[28] Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Simon Spiteri** datata sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ingħad illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn **apparat estern** li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat."*

Fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmela German** deciz fit-tletin (30) ta' Dicembru 2004 il-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet fil-kwistjoni dwar jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tammontax għall-frodi nnominata. Il-Qorti kienet ikkunsidrat li li gidba tista' twassal ghar-reat ta' frodi innominata *"basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Abbazi tas-suespost għalhekk sabiex jissussisti r-reat abbazi tal-artikolu 308 tal-Kap. 9 jeħtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu

[27] Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12 ta' Dicembru 1959 – riportata f'Vol. XLIII.iv.1140

[28] Ara Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31 ta' Ottubru 1959 riportata f' Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25 ta' Lulju 1953 riportata f' Vol. XXXVII.iv.1127; Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3 ta' Marzu 1956.

patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-*messa in scena* mhix necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.

In-ness bejn l-imputat u z-zewg vittmi irrizulta pruvat għax kif gia indikat it-tnejn li huma għaddew flus lill-imputat.

Għar-rigward il-kaz ta' Carmelo Galea, din il-Qorti tara li tista' tinstab ħtija fl-imputat abbazi ta' dan l-artikolu. Dan għar-raġuni li l-imputat mhux biss offra lil Galea biex ibiegħlu art (meta kien jaf li jezistu diffikultajiet serji biex isir it-trasferiment u li x'aktarx tali trasferiment ma kienx sejjer isir) izda saħħaħ din is-sitwazzjoni b'apparat estern fi sforz sabiex isaħħaħ il-kredibbilita tas-sitwazzjoni fabbrikata minnu stess. Dan qiegħed jingħad għas-segwenti raġunijiet: (a) l-imputat ħa lil Galea għand in-Nutara. Minkejja li quddiem in-Nutara sar diskors fis-sens li l-konvenju ma setax isir dak il-ħin, ingħatat l-impressjoni li l-kovenju kien sejjer isir f'qasir zmien, tant li dak kien wkoll li fehmet in-Nutara Farrugia;[29] (b) Galea għadda kopja ta' kuntratti u pjanta lil Galea sabiex jindikalu l-art soġġett għall-ftehim u biex anke jsaħħaħ fih l-impressjoni li l-affarijiet kienu mexjin; (c) saret skrittura bejniethom datata wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2014 biex flus li kienu dovuti lil Galea minn Azzopardi għal xogħol esegwit minn Galea (ammont ta' sitta u tletin elf u hames mitt ewro (€ 36,500)) jitqiesu bħala depositu akkont tal-prezz tat-

[29] Fol. 208 – 209.

trasferiment;[30] (d) saret skrittura oħra quddiem in-Nutara datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2014 fejn għal darba oħra saret rifereza għall-fatt li kienet sejra tigi akkwistaa art mingħand l-eredi ta' Cikku Fenech u li l-ammont din id-darba ta' ħamsin elf ewro (€ 50,000) kellu jitqies bħala depositu; [31](e) l-imputat kien dejjem jittama lil Galea li x-xogħol kien miexi, li kienu qegħdin isiru r-ricerki u li kien għad baqa' karti xi jsiru u denunzji biex ikun jista' jsir it-trasferiment.

L-element intenzjonali jirrizulta mill-fatt li Azzopardi kien konxju li l-art ma setgħetx tiġi trasferita: ibda biex ir-relazzjoni bejn l-mejjet Cikku Fenech u Azzopardi ma jidhirx li kienet waħda mill-aħjar. Infatti bejniethom kien hemm kawza pendenti rigward ħlasijiet ta' kera li ma kinux qegħdin isiru mill-imputat lil Fenech, liema kawza imbagħad kompliet mill-werrieta ta' Fenech. Apparti minn hekk, kemm Tanti kif wkoll Mifsud kif senjalat aktar qabel qatt ma daħlu f'negozjati ma' Azzopardi biex jbiegħu din l-art.

L-istess jista' jingħad għal kaz ta' Ivan Vassallo fejn it-talba tal-imputat sabiex Vassallo jagħtih is-somma ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) biex it-tnejn jixtru xi inkwadri mill-Italja flimkien kienet imsaħħa b'ritratti u spjegazzjoni ta' dawn l-inkwadri. Biex aktar isaħħaħ il-kredibbilita tal-offerta tiegħu l-imputat iffirma fuq il-kopji tar-ritratti tal-inkwadri u għaddihom lil Ivan Vassallo.[32] <u>**Kien infatti dan kollu li wassal sabiex Vassallo jgħaddi l-flus lill-imputat**</u>. L-imputat imbagħad kompla bil-

[30] Fol. 42.
[31] Fol. 129. Dan wara li mal-ammont ta' € 36,500 zdiedu s-somom ta' € 1,200 u € 12,000 li kienu tħallsu minn Galea għar-ricerki.
[32] Fol. 99.

fabbrikazzjoni tiegħu billi assikura lill-imputat li l-inkwadri kienu ġew mixtrija u li kien jonqoshom jaslu Malta, ħaga pero li qatt ma avverat ruħha. Huwa car li dan kollu l-imputat għamlu bi skop ta' vantaġġ finanzjarju għalih għaliex kien jaf li dawn l-inkwadri assolutament ma kinux jezistu. Li kieku dan kollu kien zball ġenwin da parti tal-imputat, ma kien hemm l-ebda raġuni li izzomm lill-imputat milli hekk kif irrizultalu li tali inkwadri ma kinux jezistu jħallas lura l-ammont li kien ingħata lilu minn Vassallo u l-istorja tingħalaq hemm. Izda minflok kompla jwiegħed u jwiegħed lil Vassallo li l-inkwadri kienu mixtrija u li kienu sejrin jaslu Malta. Dan meta fl-istess ħin kien konxju li dan ma kien qatt sejjer jsir. Eventwalment imbagħad l-imputat għadda xi inkwadri oħra u statwa lil Vassalo fi sforz sabiex jiġi rifuz l-ammont li kien dovut mill-imputat lill-istess Vassallo. Dan pero ma jneħħi xejn mir-responsabbilita kriminali tal-imputat. Għalhekk anke fil-konfront tal-kaz ta' Ivan Vassallo l-imputat għandu jinstab ħati li kiser l-artikolu 308 tal-Kap. 9.

La darba sejra tinstab ħtija taħt l-artikolu 308 għar-raġuni li kif spjegat kien hemm *il-messa in scena* da parti tal-imputat fil-konfront taz-żewġ vittimi, l-artikolu 309 huwa inapplikabbli għall-kaz odjern. Sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 308 awtomatikament teskludi l-applikabbilita tal-artikolu 309.

- **<u>L-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (L-Addebitu tar-Ricediva – Is-Seba' Imputazzjoni)</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jean Pierre Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[33] ingħad li sabiex persuna titqies ricediva, il-Prosekuzzjoni hija obbligata li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni s-segwenti:

(a) li l-imputat ikun ġie ikkundannat għal delitt – tali prova trid issir bil-mezz ta' kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja li fuqha jkunu jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-ħati jew almenu jkun hemm prova oħra tal-identita tal-ħati mal-imputat li jkun irid jiġi ritenut bħala reċidiv;
(b) b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat;
(c) li l-imputat ikun dak li wettaq id-delitt il-ġdid;
(d) ikun wettqu fi żmien għaxar snin (jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin) jew fi żmien ħames snin (fil-każijiet l-oħra kollha);
(e) minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun inħafritlu l-piena.

Fil-kaz in dizamina kulma għamlet il-Prosekuzzjoni kien li hija ipprezentat kopja tal-fedina penali tal-imputat u ma ressqet l-ebda prova oħra rigward din l-imputazzjoni. Infatti lanqas biss ġiet esebita s-sentenza li għaliha hemm riferenza fl-imputazzjoni tar-ricediva. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni ottemporat ruħha ma' dak rikjest mil-ligi sabiex tinstab ħtija f'din l-imputazzjoni u għalhekk din il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

[33] Per l-Imhallef Dr Aaron Bugeja. – deciza fl-10 ta' Gunju 2020 (Appell Numru 228/2019)

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[34] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>
> (a) Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.
>
> L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor,

[34]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**<u>aspett preventiv</u>** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**<u>effett preventiv ġenerali</u>** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**<u>aspett preventiv speċjali</u>** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati

u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat. Idealment il-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja effettiva u dan ghaliex l-imputat waqt il-mori ta' din il-kawza ma qabadx il-barri minn qrunu u solva l-kwistjoni li ghandu mal-vittmi f'dan il-kaz, anzi baqa' sal-ahhar jkun**

**arroganti sahansittra lejn din il-Qorti, ahseb u ara lejn il-vittmi tar-reati li se jinstab hati ghalihom. Izda jekk taghmel dan il-Qorti se titfa' piz finanzjarju zejjed fuq ic-cittadini Maltin li jhallsu t-taxxi sal-inqas centezmu dovut, piz zejjed fuq l-Amministrazzjoni tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u l-vittmi tar-reati tal-imputat ikun difficli ghalihom milli jirkupraw id-danni li soffrew. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti se taghzel il-mezz tal-*combination order* fejn l-imputat se jitpogga taht ordni ta' probation u biex is-socjeta' tkun hadet xi haga lura minghandu se jkun impost fuqu li jaghmel numru ta' sieghat bla hlas permezz ta' ordni ta' servizz fil-komunita'. B'din il-mizura l-parte leza Carmelo Galea u Ivan Vassallo jkollhom aktar cans jirkupraw id-danni li soffrew u dan permezz ta' ordni ta' hlas lura, liema ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili.**

<u>**DECIDE**</u>

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qieghda issib lill-imputat Giuseppe Azzopardi ħati tat-tieni (2), tal-ħames (5) u tas-seba' (7) imputazzjoni u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

(b) u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 308 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat ħati:

(i) tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni pero mhux bil-kwalifika kontemplata fl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali;

(ii) tat-tielet (3) u r-raba' (4)) imputazzjoni;

B'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qieghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation u servizz a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 (liema artikolu jaghmel riferenza diretta ghall-artikoli 7 u 11 tal-istess Kap. 446) ghall-perjodu ta' sena millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Giuseppe Azzopardi taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ta' mija u ghoxrin (120) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena millum u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u ta' Servizz tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas lura lil Carmelo Galea l-ammont ta' hamsin elf ewro (€50,000) u lil Ivan Vassallo l-ammont ta' disat elef ewro (€ 9,000).[35]

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza Carmelo Galea u Ivan Vassallo.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur

[35] Dan huwa l-ammont li Ivan Vassallo iddikjara li għadu dovut lilu (Fol. 101).